**382. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech MP, jipproponi:**

**L-Ordni Permanenti 140 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"**140.** (1) Petizzjoni tista' ssir kemm bil-miktub kif ukoll b'mod elettroniku.

(2) Kull petizzjoni għandha tkun ħielsa minn kull kliem interlineat jew tħassir u tkun fil-forma murija fl-appendiċi li tinsab ma' dawn l-Ordnijiet Permanenti.".

**Standing Order 140 shall be substituted by the following:**

"**140.** (1) A petition can be either made in writing or electronically.

(2) Every petition shall be free from interlineations or erasures and in the form shown in the appendix to these standing orders.".

**L-Ordni Permanenti 144 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej**:

*"Min jista' jippreżenta Petizzjoni.*

**144.** Petizzjonijiet jistgħu jsiru:

(a) minn membru jew membri bil-miktub:

Iżda ebda Membru ma jkun jista' jippreżenta petizzjoni tiegħu stess, iżda din tista' tiġi ppreżentata minn xi Membru ieħor; jew

(b) minn ċittadin b'mod elettroniku fuq is-sit elettroniku tal-Parlament.".

**Standing Order 144 shall be substituted by the following:**

"*By whom petitions may be presented.*

**144.** Petitions may be presented:

(a) By a member or members in writing:

Provided that no member may present his own petition but such petition may be presented by any other member; or

(b) By a citizen in electronic form on the Parliament website.".

**L-Ordni Permanenti 145 għandu jiġi emendat kif ġej:**

Fl-Ordni Permanenti 145 wara l-kliem "mgħoddija mill-i*Speaker*"." għandhom jiżdiedu l-kliem "Dawn l-istess verifiki mill-Iskrivan tal-Kamra għandhom isiru wkoll f'każ ta' petizzjoni ppreżentata minn ċittadin.".

**Standing Order 145 shall be amended as follows:**

Immediately after the words "Passed by the Speaker"." there shall be added the words "The same verifications shall be made by the Clerk of the House when a petition is presented by a citizen.".

**L-Ordni Permanenti 146 għandu jiġi emendat kif ġej:**

Minnufih wara l-kliem "fil-bidu tal-petizzjoni." għandhom jiżdiedu l-kliem "Dawn l-istess verifiki mill-Iskrivan tal-Kamra għandhom isiru wkoll f'każ ta' petizzjoni ppreżentata minn ċittadin.".

**Standing Order 146 shall be amended as follows:**

Immediately after the words "head of the petition."." there shall be added the words "The same verifications shall be made by the Clerk of the House when a petition is presented by a citizen.".

**L-Ordni Permanenti 150 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

*"Riferenza ta' petizzjonijiet.*

**150.** Kull petizzjoni, kemm jekk preżentata minn membru kif ukoll jekk preżentata minn ċittadin għandha tiġi diskussa mill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet. Wara dik id-diskussjoni l-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk il-petizzjoni għandhiex tiġi riferuta lil xi Kumitat Permanenti jew Magħżul tal-Kamra, jew għandhiex issir diskussjoni fil-Kamra kollha. Ikun possibbli wkoll li petizzjoni tiġi riferuta lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità. Jista' jiġi deċiż li l-petizzjoni tieqaf hemm u titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra possibbilment b'xi kummenti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.".

**Standing Order 150 shall be substituted by the following:**

*"Referral of Petitions.*

**150.** Every petition, both if presented by a member or by a citizen, shall be discussed in the Standing Committee on Petitions. After the said discussion the Committee shall decide whether the petition shall be referred to a Standing Committee or to a Select Committee or whether a discussion should be held in the whole House. It shall also be possible for a petition to be referred to a Ministry, Department or Authority. It may be decided that no further action be taken on the petition or that the petition be laid on the Table of the House with or without comments by the Standing Committee on Petitions.".

25.07.16